MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2015

Numru. 1265/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**

**VS**

**ANNABELLE CAMILLERI MONREAL**
**(ID Nru.: 311185M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1265/2014**

Illum, 22 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Annabelle Camilleri Monreal, detentrici tal-karta tal-identita` numru 311185 (M).

**Akkuzata talli:**

F'dawn il-Gzejjer nhar l-ghoxrin (20) ta` Awwissu, 2014:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu minn ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga ohra ssabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal biza jew tama dwar xi haga kimerika, ghamlet qliegh ghal dannu ta` Jessica Ballarin u Eric Falzon;

2. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-disgha (9) ta` Settembru, 2014, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu minn ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal biza` jew tama dwar xi haga kimerika, ghamlet qliegh ghad-dannu ta` Simona Cassano;

3. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer nhar id-disgha (9) ta` Settembru, 2014, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu minn ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal biza jew tama dwar xi haga kimerika, ghamlet qliegh ghad-dannu ta` Stuart Zintilis;

4. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta` Ottubru, 2014 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu minn ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal biza jew tama dwar xi haga kimerika, ghamlet qliegh ghad-dannu ta` Nadine Pisani u Mark Calleja;

5. Akkuzata ukoll talli fix-xhur ta` bejn Awwissu u Ottubru, 2014, f'dawn il-Gzejjer, approprijat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuni ohra, haga ta` haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikata ghad-dannu ta` Romina Marmara, Jessica Ballarin, Eric Falzon, Simona Cassano, Stuart Zintilis, Mark Calleja, Nadine Pisani u Romina Marmara;

6. Akkuzata wkoll talli fix-xhur ta` bejn Awwissu u Ottubru, 2014, naqset milli thares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman, LL.D., fid-digriet taghha datat sitta u ghoxrin (26) ta` Frar, 2013, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija;

7. Akkuzata ukoll talli fid-dati imsemmija qabel f'akkuzi nru. 1, 2, 3, 4 u 5 ikkommettiet reati waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel, hekk kif moghtija nhar it-tieni (2) ta` Dicembru, 2013, mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit, LL.D.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija tikkunsidra ukoll lil Annabelle Camilleri Monreal bhala recidiva.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 294, 579 (1) (2) (3), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li dina l-Qorti rat l-ammissjoni tal-imputata li saret fis-seduta tat-tletin (30) ta' Dicembru, 2014, ikkunsidrat li l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputata hatja kif hija akkuzata.

Il-Qorti tinnota li sad-data ta' llum tas-sentenza l-ebda pagament ma` sar lill-*parte civile*.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ssib lill-imputata hatja kif akkuzata, tikkundanaha ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien (1) sena mill-lum, li minnu ghandu jitnaqqas il-perjodu li hija damet taht arrest preventiv.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------